KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKATA ĠENERALI
KOKOTT
ippreżentati fit-12 ta' Jannar 2023[1]

Kawża C-677/21

Fluvius Antwerpen
vs
MX

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Vredegerecht te Antwerpen (il-Qorti Konċiljatorja ta' Antwerpen, il-Belġju))

"Rinviju għal domanda preliminari – Taxxa fuq il-valur miżjud – Direttiva 2006/112/UE – Tranżazzjonijiet taxxabbli – Persuna taxxabbli – Konsum illegali tal-elettriku – Fatturazzjoni tal-elettriku kkonsmat illegalment mill-operatur responsabbli tan-network tad-distribuzzjoni – Kunċett ta' 'attività ekonomika' – Kunċett ta' 'organu ieħor irregolat mid-dritt pubbliku' – Volum insinjifikattiv tal-attivitajiet previsti fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva dwar il-VAT"

I. Introduzzjoni

1. F'din it-talba għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tindirizza l-konsegwenzi f'termini tal-VAT ta' "serq tal-elettriku". Il-qorti tar-rinviju b'mod partikolari għandha dubji dwar jekk l-utent illegali tal-elettriku għandux iħallas għall-elettriku kkonsmat, flimkien mal-VAT dovuta, jew l-hekk imsejjaħ prezz nett biss mingħajr il-VAT. Fil-kawża ineżami, kien hemm teħid illegali tal-elettriku mill-indirizz residenzjali għall-użu personali, li ġie skopert mill-operatur tan-network tad-distribuzzjoni u sussegwentement ġie ffatturat lill-"ħalliel tal-elettriku".

2. Il-Qorti tal-Ġustizzja hija għaldaqstant adita bil-kwistjoni fundamentali dwar jekk il-konsumatur li jaġixxi illegalment għandux, bl-istess mod bħall-konsumatur li jaġixxi legalment, iħallas il-VAT meta jikkonsma l-elettriku fil-volum korrispondenti jew jekk jistax "jiffranka" l-VAT. Dan jiddependi biss, b'mod definittiv, fuq il-fatt dwar jekk provvista ta' servizzi ta' konsum "involontarju" minn persuna taxxabbli tikkostitwixxix ukoll tranżazzjoni taxxabbli u suġġetta għall-VAT fis-sens tad-dritt tal-VAT.

[1] Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

3. Id-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-VAT") tispeċifika l-kuntest tad-dritt tal-Unjoni [2].

4. L-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT jipprevedi:

"It-transazzjonijiet li ġejjin għandhom ikunu soġġetti għall-VAT:

a) il-provvista ta' merkanzija magħmula bi ħlas fit-territorju ta' Stat Membru minn persuna taxxabbli li taġixxi bħala tali;"

5. L-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar il-VAT jipprovdi:

"'Persuna taxxabbli' għandha tfisser kull persuna li, b'mod indipendenti, twettaq fi kwalunkwe post kwalunkwe attività ekonomika, ikun x'ikun l-iskop jew ir-riżultati ta' dik l-attività.

Kwalunkwe attività ta' produtturi, kummerċjanti jew persuni li jagħtu servizzi, inklużi attivitajiet fil-minjieri u fl-agrikoltura u attivitajiet fil-professjonijiet, għandhom jitqiesu bħala 'attività ekonomika'. L-isfruttament ta' proprjetà tanġibbli jew intanġibbli għal skopijiet ta' dħul minnha fuq bażi kontinwa għandha b'mod partikolari titqies bħala attività ekonomika."

6. Skont l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva dwar il-VAT:

"(1) Stati, awtoritajiet governattivi reġjonali u lokali u korpi oħra rregolati bid-dritt pubbliku m'għandhomx jiġu kkunsidrati bħala persuni taxxabbli fir-rigward ta' l-attivitajiet jew transazzjonijiet li huma jagħmlu bħala awtoritajiet pubbliċi, ukoll meta jiġbru drittijiet, tariffi, kontribuzzjonijet jew ħlasijiet marbuta ma' dawk l-attivitajiet jew transazzjonijiet.

Iżda, meta jidħlu biex jagħmlu dawn l-attivitajiet jew transazzjonijiet, huma għandhom jiġu kkunisdrati bħala persuni taxxabbli fir-rigward ta' dawk l-attivitajiet jew transazzjonijiet fejn it-trattament tagħhom bħala persuni mhux taxxabbli jikkawża distorsjoni sinifikanti tal-kompetizzjoni.

F'kwalunkwe każ, korpi rregolati mid-dritt pubbliku għandhom jiġu kkunisdrati bħala persuni taxxabbli fir-rigward ta' l-attivitajiet elenkati fl-Anness I, sakemm dawk l-attivitajiet ma jkunux twettqu fuq skala tant żgħira li jkunu insinifikanti."

7. L-Artikolu 14(1) u (2)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT jiddetermina meta jkun hemm provvista:

"(1) 'Provvista ta' merkanzija' għandha tfisser it-trasferiment tad-dritt ta' sid li jiddisponi minn proprjetà tanġibbli.

[2] Direttiva tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2006 (ĠU 2006 L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60).

(2) Flimkien mat-transazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, kull waħda minn dawn li ġejjin għandha tiġi kkunisdrata bħala provvista ta' merkanzija:

a) it-trasferiment, b'ordni ta' jew f'isem awtorità pubblika jew skond il-liġi, tad-dritt ta' proprjetà bi ħlas ta' kumpens;"

8. L-Artikolu 15(1) tad-Direttiva dwar il-VAT jirrigwarda l-provvista tal-elettriku u jippreċiża:

"L-elettriku, il-gass, l-enerġija għat-tisħin jew għat-tkessiħ u affarijiet simili għandhom jiġu ttrattati bħala proprjetà tanġibbli."

B. Id-dritt Belġjan

9. Id-Direttiva dwar il-VAT ġiet trasposta fil-Belġju permezz tal-Kodiċi tal-VAT. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni dwar l-Enerġija Belġjana tinkludi regoli dwar il-provvista tal-enerġija u l-fatturazzjoni korrispondenti.

10. L-Artikolu 5.2.3(1) tad-Deċiżjoni dwar l-Enerġija jipprevedi li l-kuntratt tal-klijent domestiku jiġi tterminat mill-fornitur tal-enerġija tiegħu, pereżempju, minħabba nuqqas ta' ħlas, u min ma jikkonkludi ebda kuntratt ġdid ma' fornitur ieħor tal-enerġija, għandu jiġi pprovdut mill-operatur tan-network tad-distribuzzjoni.

11. Mill-1 ta' Mejju 2018, wara l-emenda tad-Digriet dwar l-Enerġija u tad-Deċiżjoni dwar l-Enerġija, japplikaw dispożizzjonijiet speċifiċi li jirregolaw it-teħid illegali u l-kumpens tal-enerġija. Attwalment, huma jinsabu fl-Artikolu 1.1.3, 40/1 moqri flimkien mal-Artikolu 5.1.2 tad-Digriet dwar l-Enerġija u mal-Artikolu 4.1.2 tad-Deċiżjoni dwar l-Enerġija.

12. L-Artikolu 1.1.3, 40/1 tad-Digriet dwar l-Enerġija jiddefinixxi l-kunċett ta' frodi tal-enerġija bħala kull azzjoni illegali minn kwalunkwe persuna, attiva jew passiva, li hija akkumpanjata mill-kisba ta' vantaġġ indebitu.

13. L-Artikolu 5.1.2 tad-Digriet tal-Enerġija jipprevedi wkoll, li l-ispejjeż sostnuti mill-operatur tan-network sabiex jirrimedja l-frodi tal-enerġija msemmija fl-Artikolu 1.1.3, 40/1, l-ispejjeż tal-iskonnessjoni msemmija fil-paragrafu preċedenti, ir-regolarizzazzjoni tal-konnessjoni jew tal-installazzjoni tal-meter, il-konnessjoni mill-ġdid, il-vantaġġ miksub illegalment, l-ispejjeż relatati mal-vantaġġ miksub illegalment u l-interessi għandhom jitħallsu mill-utent tan-network ikkonċernat. Ma' dan jiżdied il-fatt li l-operatur tan-network jew ir-rappreżentant tiegħu għandhom jirkupraw l-imsemmija spejjeż kif ukoll il-vantaġġ miksub illegalment u l-interessi direttament mill-utent tan-network.

14. L-Artikolu 4.1.2.(1) tad-Deċiżjoni dwar l-Enerġija jipprevedi l-modalitajiet ta' kalkolu tal-vantaġġ indebitu u l-elementi li jagħmlu parti mill-vantaġġ miksub illegalment. Il-vantaġġ miksub illegalment għaldaqstant jirrigwarda, *inter alia*, l-evażjoni tal-ispejjeż relatati mal-enerġija pprovduta (il-punt 4° tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 4.1.2(1) tad-Deċiżjoni dwar l-Enerġija).

15. L-Artikolu 4.1.2.(3) tad-Deċiżjoni dwar l-Enerġija jipprevedi wkoll li l-kumpens iffatturat għall-vantaġġ miksub illegalment għandu jiġi ddeterminat b'mod speċifiku, li jinkludi taxxi, imposti u l-VAT.

III. Il-fatti u l-proċedura għal deċiżjoni preliminari

16. Il-persuna fiżika MX (iktar 'il quddiem il-"konvenut") tħarrket mill-operatur tan-network tad-distribuzzjoni Fluvius Antwerpen (iktar 'il quddiem "Fluvius") għall-ħlas ta' EUR 813.41 (inkluża l-VAT) għall-konsum tal-elettriku matul il-perijodu mis-7 ta' Mejju 2017 sas-7 ta' Awwissu 2019.

17. Skont l-informazzjoni pubblika disponibbli fuq l-internet, Fluvius fil-kapaċità tiegħu ta' operatur tan-network tad-distribuzzjoni, jidher li huwa persuna ġuridika rregolata mid-dritt pubbliku, inkarigat, bħala assoċjazzjoni ta' diversi muniċipalitajiet, b'kompiti fl-interess pubbliku. Fosthom hemm, *inter alia*, il-ġestjoni tan-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku u tal-gass fis-sens tal-leġiżlazzjoni Fjamminga. Skont Fluvius, madankollu, teżisti personalità ċivili li r-Renju tal-Belġju jiddeskriviha bħala forma legali *sui generis*.

18. Fluvius iffattura lill-konvenut għall-provvista tal-elettriku fl-ammont ta' EUR 813.41, inkluża l-VAT ta' EUR 131.45. Din il-fatturazzjoni ma seħħitx minħabba li Fluvius ipprovda l-elettriku lill-konvenut fuq il-bażi tal-obbligu ta' servizz pubbliku skont l-Artikolu 5.2.3(1) tad-Deċiżjoni dwar l-Enerġija. Dan seħħ minħabba li l-konvenut ħa l-elettriku fl-indirizz tar-residenza tiegħu mingħajr ma kkonkluda kuntratt ma' fornitur tal-enerġija kummerċjali u mingħajr ma ġie tterminat il-kuntratt ma' fornitur (ieħor) tal-enerġija f'dan l-indirizz. Il-qorti tar-rinviju tqis li t-teħid tal-elettriku min-network mingħajr il-konklużjoni ta' kuntratt kummerċjali u mingħajr notifika lill-operatur tan-network tad-distribuzzjoni jista' jitqies bħala attività illegali marbuta mal-kisba ta' vantaġġ indebitu, jiġifieri frodi tal-enerġija.

19. Il-fatturazzjoni saret wara li Fluvius kien skopra dan it-teħid reali (iktar 'il quddiem it-"teħid illegali") matul iż-żmien. Abbażi ta' paragun bejn il-qari tal-meter fil-bidu tat-teħid illegali u l-qari tal-meter fi tmiem it-teħid illegali, ġie ffatturat l-ammont ta' EUR 813.41, li kien jinkludi EUR 131.45 bħala VAT, għall-użu matul dak il-perijodu.

20. Għall-perijodu ffatturat, huma rilevanti r-regoli ta' konnessjoni ta' Fluvius. Madankollu, dawn ir-regoli ta' konnessjoni la jispeċifikaw l-ammont tal-kumpens li għandu jiġi ffatturat fil-każ ta' teħid illegali u lanqas jekk dan il-kumpens huwiex suġġett għall-VAT jew le. Tali regoli jinkludu biss, taħt it-titolu "Teħid Illegali ta' Enerġija u Kumpens għar-Regolarizzazzjoni", li kemm il-konsum irreġistrat kif ukoll il-konsum eventwalment mhux irreġistrat li jirriżulta mit-teħid illegali ser ikun iffatturat lill-persuna li tieħdu mill-operatur tan-network tad-distribuzzjoni.

21. Fluvius huwa tal-fehma li l-operatur tan-network jista' jiffattura t-teħid lill-utent, anki fl-assenza ta' kuntratt ta' provvista. Dan it-teħid illegali għandu jkun suġġett għall-VAT, konformement mal-Kodiċi tal-VAT Belġjan. Dan peress li skont tali kodiċi, provvista hija suġġetta għall-VAT meta l-proprjetà ta' beni tiġi ttrasferita bi ħlas abbażi ta' talba minn awtorità pubblika jew f'isimha, b'mod iktar ġenerali, skont liġi, digriet, ordinanza, deċiżjoni jew regolament amministrattiv.

22. Qabel l-1 ta' Mejju 2018, ma kienet teżisti ebda dispożizzjoni li tipprevedi espressament jekk il-VAT kellhiex tiġi imposta jew le fuq l-ammont li għandu jitħallas mill-persuna li tkun ħadet l-enerġija illegalment, li l-qorti tar-rinviju kklassifikatu bħala kumpens. Sa mill-1 ta' Mejju 2018, wara l-emenda tad-Digriet dwar l-Enerġija u tad-Deċiżjoni dwar l-Enerġija, japplikaw dispożizzjonijiet li jipprevedu wkoll ħlas tal-VAT. Madankollu, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk dawn id-dispożizzjonijiet li jipprevedu l-ġbir tal-VAT humiex kuntrarji għad-Direttiva dwar il-VAT.

23. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Vredegerecht te Antwerpen (il-Qorti Konċiljatorja ta' Antwerpen, il-Belġju) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1. Id-dispożizzjonijiet magħqudin tal-Artikolu 2(1)(a) u tal-Artikolu 14(1) tad-[Direttiva dwar il-VAT] għandhom jiġu interpretati fis-sens li t-teħid illegali ta' enerġija huwa kunsinna ta' merkanzija, jiġifieri t-trasferiment tad-dritt ta' proprjetarju li jiddisponi minn proprjetà tanġibbli?

2. Fin-negattiv, l-Artikolu 14(2)(a) tad-[Direttiva dwar il-VAT] għandu jiġi interpretat fis-sens li t-teħid illegali ta' enerġija huwa kunsinna ta' merkanzija, jiġifieri t-trasferiment, b'ordni ta' jew f'isem awtorità pubblika jew skont il-liġi, tad-dritt ta' proprjetà bi ħlas ta' kumpens?

3. L-Artikolu 9(1) tad-[Direttiva dwar il-VAT] għandu jiġi interpretat fis-sens li Fluvius għandha d-dritt għal kumpens għall-enerġija illegalment meħuda, għandha titqies bħala persuna taxxabbli minħabba li t-teħid illegali huwa l-konsegwenza ta' 'attività ekonomika' ta' Fluvius Antwerpen, jiġifieri l-isfruttament ta' proprjetà tanġibbli għal skopijiet ta' dħul minnha fuq bażi kontinwa?

4. Jekk l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2006/112/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li t-teħid illegali ta' enerġija jikkostitwixxi attività ekonomika, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2006/112/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li Fluvius Antwerpen hija awtorità pubblika u, fl-affermattiv, it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(1) għandu jiġi interpretat fis-sens li t-teħid illegali ta' enerġija huwa r-riżultat ta' attività ta' Fluvius Antwerpen li ma hijiex insinjifikattiva?"

24. Fil-kuntest tal-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, Fluvius, ir-Renju tal-Belġju u l-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma tinżammx seduta skont l-Artikolu 76(2) tar-Regoli tal-Proċedura.

IV. Evalwazzjoni ġuridika

25. Bħala riżultat, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, permezz tal-ewwel u tat-tieni domanda tagħha, jekk it-teħid illegali ta' elettriku għad-detriment tal-operatur tan-network tad-distribuzzjoni jikkostitwixxix tranżazzjoni taxxabbli u li hija suġġetta għall-VAT fis-sens tad-dritt tal-VAT. L-Artikolu 15 tad-Direttiva dwar il-VAT jiddefinixxi l-elettriku bħala proprjetà tanġibbli. Peress li dan ġie kkonsmat mill-konvenut, l-eżistenza ta' provvista hija possibbli skont l-Artikolu 14(1) jew (2) tad-Direttiva dwar il-VAT (ara f'dan ir-rigward taħt l-ittra A). Jekk ikun hemm provvista ta' elettriku taxxabbli u li hija suġġetta għall-VAT, il-qorti tar-rinviju tistaqsi wkoll jekk Fluvius jeżerċitax attività ekonomika minħabba dan il-fatt (ara f'dan ir-rigward taħt l-ittra B) u, eventwalment, jekk l-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar il-VAT jeskludix it-tassazzjoni mill-ġdid (ara f'dan ir-rigward taħt l-ittra C).

A. It-teħid illegali tal-elettriku bħala provvista skont l-Artikolu 14(1) jew (2)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT (l-ewwel u t-tieni domanda)

26. L-ewwel żewġ domandi huma intiżi li jiddeterminaw jekk u skont liema dispożizzjoni din hija, fil-kawża ineżami, provvista magħmula bi ħlas, fis-sens tal-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT. Kieku l-konvenut kien aġixxa b'mod konformi mal-liġi, ħadd ma jiddubita minn

provvista taxxabbli u li hija suġġetta għall-VAT tal-elettriku (fis-sens tal-Artikolu 15 tad-Direttiva dwar il-VAT). Il-kwistjoni tqum biss għaliex il-konvenut ħa l-elettriku mingħajr ma kkonkluda kuntratt tal-elettriku ma' fornitur tal-enerġija u mingħajr ma kienu jeżistu l-kundizzjonijiet ta' obbligu legali bħal dak ta' "provvista bażika" mill-operatur tan-network tad-distribuzzjoni.

27. Minn dan isegwi li, skont id-dritt Belġjan, jeżisti "serq tal-elettriku" għad-detriment tal-operatur tan-network tad-distribuzzjoni, li dan madankollu skoprih u li, mingħand il-"ħalliel", issa qiegħed jitlob il-ħlas tal-elettriku misruq. Id-Deċiżjoni dwar l-Enerġija Belġjana rilevanti tiddeskrivi l-vantaġġ indebitu tal-utent korrispondenti (il-"ħalliel") li jista' jiġi ffatturat bħala kumpens. Fi Stati Membri oħra, tista' tkun kwistjoni ta' valur jew saħansitra ta' kumpens.

28. Il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 2(1)(a) u tal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva dwar il-VAT, moqrija flimkien mal-Artikolu 15 tagħha, huma, effettivament, kollha ssodisfatti. Skont dawn id-dispożizzjonijiet, hija suġġetta għall-VAT il-kunsinna ta' oġġetti magħmula bi ħlas fit-territorju ta' Stat Membru minn persuna taxxabbli li taġixxi bħala tali. Il-post tal-kunsinna kien il-Belġju, Fluvius kien operatur tan-network tad-distribuzzjoni suġġett għall-VAT (it-tielet domanda taħt l-ittra B tirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk u meta huwa aġixxa bħala tali), u l-elettriku huwa ekwiparat ma' proprjetà tanġibbli skont l-Artikolu 15 tad-Direttiva dwar il-VAT.

29. Bit-teħid tal-elettriku, is-setgħa ta' disponiment (skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva dwar il-VAT) inbidlet ukoll minn Fluvius għall-konvenut, li mbagħad ikkonsma l-elettriku immedjatament. Possibbilment, Fluvius ma qabilx ma' dan il-konsum, iżda lanqas ma seta' jipprekludih. Għaldaqstant, jista' jitqies li Fluvius wettaq, oġġettivament, għalkemm possibbilment kontra r-rieda tiegħu, kunsinna ta' oġġetti lill-konvenut. Sabiex dan iseħħ, il-konvenut irid iħallas somma ta' flus skont il-volum tal-elettriku kkonsmat, sabiex b'dan il-mod din il-provvista sseħħ ukoll bi ħlas.

30. *Prima facie*, id-Direttiva dwar il-VAT ma tittrattax l-utent illegali tal-elettriku (fil-kawża ineżami, il-konvenut) b'mod differenti mill-utent tal-elettriku li jaġixxi legalment. It-tnejn li huma għandhom iħallsu prezz li jinkludi l-VAT (wieħed abbażi ta' kuntratt, u l-ieħor skont il-liġi), għall-konsum oġġettiv tal-elettriku. La n-natura tat-taxxa fuq il-konsum, la d-dritt tal-VAT u lanqas il-prinċipju ta' newtralità jew il-prinċipju ta' proporzjonalità ma jipprekludu dan il-fatt. Għall-kuntrarju, il-prinċipju ta' newtralità jeżiġi, bħala prinċipju, trattament ugwali bejn attivitajiet leġittimi u illegali [3].

31. Madankollu, jidher li l-qorti tar-rinviju tikkunsidra li huwa possibbli, fil-Belġju, li dan it-teħid illegali ta' elettriku tal-konvenut jikkostitwixxi tranżazzjoni mhux taxxabbli. Jekk din it-tranżazzjoni tiġi kkunsidrata bħala tali, il-konvenut ma jistax ikun suġġett għall-VAT skont id-Direttiva dwar il-VAT. Għaldaqstant, il-kwistjoni rilevanti li tqum hija dik dwar jekk provvista ta' elettriku taxxabbli u suġġetta għall-VAT għandhiex titqies li ma hijiex suġġetta għall-VAT minħabba s-sempliċi fatt li l-*konsumatur* kiseb illegalment il-merkanzija pprovduta (fil-kawża ineżami, l-elettriku), iżda xorta waħda huwa obbligat iħallas għal tali provvista ammont paragunabbli skont il-konsum mhux abbażi ta' kuntratt iżda skont il-liġi.

[3] J. Kokott, *EU Tax Law*, 2022, p. 127; § 3, nm 33 *et seq*. U 36 *et seq*. u r-referimenti ċċitati.

1. It-tassazzjoni tal-attivitajiet illegali fil-qasam tad-dritt tal-VAT

32. Sa fejn naf jien, sa issa l-Qorti tal-Ġustizzja għadha ma ddeċidietx dwar il-kwistjoni tal-akkwist illegali ta' oġġett tal-konsum mid-destinatarju tas-servizz. Madankollu, teżisti ġurisprudenza stabbilita dwar kif għandhom jiġu ttrattati attivitajiet illegali tal-fornitur tas-servizz fil-qasam tad-dritt tal-VAT.

33. Skont tali ġurisprudenza, il-prinċipju ta' newtralità fiskali jipprekludi, fil-qasam tal-ġbir tal-VAT, distinzjoni ġeneralizzata bejn it-tranżazzjonijiet illegali u t-tranżazzjonijiet legali [4]. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, differenzazzjoni hija ammissibbli biss fil-każijiet fejn, minħabba karatteristiċi partikolari ta' ċerta merkanzija, il-kompetizzjoni kollha bejn settur ekonomiku legali u settur illegali hija esklużа [5].

34. Fi kwalunkwe każ, tali eċċezzjoni "*res extra commercium*" ma hijiex applikabbli fil-kawża ineżami. L-elettriku ma huwiex merkanzija li l-kummerċjalizzazzjoni tiegħu huwa pprojbit minħabba n-natura jew il-proprjetajiet intrinsiċi tiegħu. Konsegwentement, provvista legali u illegali ta' elettriku għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod fir-rigward tad-dritt tal-VAT.

35. Huwa minnu li sa issa l-ġurisprudenza kienet tikkonċerna biss l-attivitajiet illegali tal-fornitur. Madankollu, id-destinatarji tas-servizz jistgħu wkoll joperaw għal finijiet kummerċjali, jiġifieri jkunu kompetituri. Għalkemm huma ma jibbenefikawx kompletament mid-dritt għal tnaqqis tat-taxxa tal-input imħallsa, in-nuqqas ta' tassazzjoni tal-attivitajiet illegali tagħhom jikkostitwixxi għalihom vantaġġ kompetittiv u, għaldaqstant, jikser il-prinċipju ta' newtralità fiskali. Minn dan isegwi li l-akkwist illegali ta' oġġett tal-konsum mid-destinatarju tas-servizz għandu jiġi ttrattat bl-istess mod bħall-akkwist legali tiegħu.

2. In-natura tal-VAT bħala taxxa.ġenerali fuq il-konsum

36. Bħala taxxa ġenerali fuq il-konsum, in-natura tal-VAT timmilita favur l-ugwaljanza fit-trattament tal-konsum tal-elettriku legali u illegali. Il-VAT għandha tintaxxa l-kapaċità tal-konsumatur li tidher fin-nefqa tal-assi tiegħu bil-għan li jakkwista użu konsumabbli [6]. L-elettriku kkonsmat illegalment jikkostitwixxi tali vantaġġ konsumabbli. Fil-kawża ineżami, il-"ħalliel tal-elettriku" għandu wkoll għal dan il-għan jonfoq il-flus.

37. Jekk, b'mod ġenerali, in-nefqa finanzjarja għall-konsum ta' oġġett ta' konsum mill-konsumatur finali għandha tiġi intaxxata, ma huwiex rilevanti jekk dan il-konsum kienx illegali u possibbilment mingħajr l-għarfien jew saħansitra kontra r-rieda tal-fornitur, sakemm kellhom jintefqu flus għalih.

4 Ara s-sentenzi tal-10 ta' Novembru 2011, The Rank Group (C-259/10 u C-260/10, EU:C:2011:719, punt 45), tas-6 ta' Lulju 2006, Kittel (C-439/04 u C-440/04, EU:C:2006:446, punt 50), tad-29 ta' Ġunju 1999, Coffeeshop "Siberië" (C-158/98, EU:C:1999:334, punti 14 u 21).

5 Dan japplika, pereżempju, għad-drogi narkotiċi u flus foloz. Ara s-sentenzi tad-29 ta' Ġunju 1999, Coffeeshop "Siberië" (C-158/98, EU:C:1999:334, punt 21), tal-11 ta' Ġunju 1998, Fischer (C-283/95, EU:C:1998:276, punt 21), tat-28 ta' Mejju 1998, Goodwin und Unstead (C-3/97, EU:C:1998:263, punt 9), u tat-2 ta' Awwissu 1993, Lange (C-111/92, EU:C:1993:345, punt 16), tas-6 ta' Diċembru 1990, Witzemann (C-343/89, EU:C:1990:445, punt 19), u tal-5 ta' Lulju 1988, Vereniging Happy Family Rustenburgerstraat (289/86, EU:C:1988:360, punt 20). Madankollu, ara, pereżempju, opinjoni espressament differenti tal-Bundesverwaltungsgericht (l-Isvizzera) (il-Qorti Amministrattiva Federali), sentenza tat-3 ta' Mejju 2007, A-1342/2006, BVGE-2007-23, punti 5.5.1 *et seq.* (dwar drogi narkotiċi).

6 Ara pereżempju: sentenzi tat-3 ta' Mejju 2012, Lebara (C-520/10, EU:C:2012:264, punt 23), tal-11 ta' Ottubru 2007, KÖGÁZ *et* (C-283/06 u C-312/06, EU:C:2007:598, punt 37 – "id-determinazzjoni ta' l-ammont tagħha proporzjonalment għall-prezz mitlub mill-persuna suġġetta għat-taxxa bħala ħlas għall-beni jew għas-servizzi pprovduti minnha"), u tat-18 ta' Diċembru 1997, Landboden-Agrardienste (C-384/95, EU:C:1997:627, punti 20 u 23 – "Hija biss in-natura tal-obbligu li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni: Sabiex jaqa' taħt is-sistema komuni tal-VAT, tali obbligu għandu jimplika konsum").

38. Dan l-approċċ jista' diġà jiġi dedott ukoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. F'ċerti deċiżjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li jkun hemm kunsinna ta' oġġetti jew provvista ta' servizz imwettqa bi ħlas meta jkun hemm rabta diretta bejn is-servizz ipprovdut u l-korrispettiv irċevut [7]. Il-kriterju determinanti għal dan il-għan kien dak dwar jekk il-portata tal-vantaġġi kinitx relatata mal-ammont tal-korrispettiv [8]. Peress li, fil-kawża ineżami, il-volum tal-elettriku meħud illegalment (jiġifieri l-vantaġġ) għandu rabta diretta mal-ammont mitlub minn Fluvius, hemm provvista ta' elettriku bi ħlas min-naħa ta' Fluvius lill-konvenut.

39. Anki jekk sussegwentement il-Qorti tal-Ġustizzja ffokat iktar fuq il-fatt li provvista ta' servizzi ssir biss "bi ħlas", jekk bejn il-persuna li tipprovdi s-servizz u l-benefiċjarju tkun teżisti relazzjoni ġuridika [9], dan ma jibdel xejn minn dan il-fatt. Dan peress li, sa issa, il-Qorti tal-Ġustizzja ħalliet miftuħa l-kwistjoni dwar il-kwalità ta' tali relazzjoni ġuridika. Fil-kuntest ta' taxxa ġenerali fuq il-konsum, din għandha pjuttost tiġi interpretata b'mod wiesa' [10]. Ma huwiex preċiżament neċessarju li din tkun relazzjoni kuntrattwali "normali", għaliex anki l-hekk imsejħa natura vinkolanti bl-unur biss ma setgħetx tipprekludi r-rabta bejn il-provvista u l-korrispettiv imħallas bħala "onorarju" [11].

40. Minn dan isegwi li kwalunkwe relazzjoni ġuridika bejn il-fornitur u l-benefiċjarju tas-servizz hija biżżejjed. Tali relazzjoni spiss tkun kuntrattwali, iżda relazzjoni ġuridika ma hijiex eskluża. Dak li huwa rilevanti huwa r-rabta diretta bejn il-ħlas monetarju u oġġett tal-konsum konkret [12]. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja affermat l-eżistenza ta' servizz bi ħlas anki jekk kellha titħallas "penali kuntrattwali" bħala riżultat tat-terminazzjoni bikrija, li tikkorrispondi għall-prezz li kien jitħallas mingħajr terminazzjoni [13]. L-istess japplika għall-użu ta' spazju għall-parkeġġ mill-utent bi ksur tal-kuntratt [14].

41. Fil-kawża ineżami, teżisti wkoll rabta diretta bejn il-ħlas monetarju u l-konsum tal-elettriku meħud. Abbażi tad-Deċiżjoni dwar l-Enerġija li tirregola r-rimbors ta' dan l-elettriku, teżisti b'mod inkontestabbli relazzjoni legali, jiġifieri relazzjoni ġuridika bejn l-operatur tan-network tad-distribuzzjoni (Fluvius) u l-konsumatur (il-konvenut).

42. Ir-raġunijiet li għalihom il-konsumatur onest tal-elettriku huwa suġġett għal taxxa li l-konsumatur tal-elettriku diżonest ma huwiex suġġett għaliha, minkejja li jeżisti suq komuni għal dawn is-servizzi u li t-tnejn li huma jonfqu l-flus għall-istess vantaġġ konsumabbli, huma sempliċement diffiċli li jiġu ġġustifikati fid-dawl tal-Artikolu 20 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Fi kwalunkwe każ, wieħed ma jistax jara raġunijiet oġġettivi li jiġġustifikaw din id-differenza fit-trattament.

[7] Sentenza tat-8 ta' Marzu 1988, Apple and Pear Development Council (102/86, EU:C:1988:120, punt 12). Ara wkoll is-sentenzi tad-29 ta' Lulju 2010, Astra Zeneca UK (C-40/09, EU:C:2010:450, punt 27 b'referenzi ulterjuri) u tas-16 ta' Ottubru 1997, Fillibeck (C-258/95, EU:C:1997:491, punt 12).

[8] Sentenza tat-8 ta' Marzu 1988, Apple and Pear Development Council (102/86, EU:C:1988:120, punt 15). Ara wkoll is-sentenza tas-16 ta' Ottubru 1997, Fillibeck (C-258/95, EU:C:1997:491, punt 16).

[9] Sentenza tat-3 ta' Marzu 1994, Tolsma (C-16/93, EU:C:1994:80, punt 14). Ara b'mod simili s-sentenzi tat-2 ta' Mejju 2019, Budimex (C-224/18, EU:C:2019:347, punt 30), u tal-11 ta' Mejju 2017, Posnania Investment (C-36/16, EU:C:2017:361, punt 31).

[10] Għal fehim wiesa', ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża MEO – Serviços de Comunicações e Multimédia (C-295/17, EU:C:2018:413, punti 34 *et seq.*).

[11] Sentenza tas-17 ta' Settembru 2002, Town & County Factors (C-498/99, EU:C:2002:494, punti 16 *et seq.*).

[12] Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Jannar 2022, Apcoa Parking Danmark (C-90/20, EU:C:2022:37, punti 37 *et seq.*).

[13] Sentenza tat-22 ta' Novembru 2018, MEO – Serviços de Comunicações e Multimédia (C-295/17, EU:C:2018:942, punti 41 *et seq.*).

[14] Sentenza tal-20 ta' Jannar 2022, Apcoa Parking Danmark (C-90/20, EU:C:2022:37, punti 33 u 34).

3. Interpretazzjoni a contrario tal-Artikolu 14(2)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT

43. Din il-konklużjoni hija kkorroborata minn qari *a contrario* tal-Artikolu 14(2)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT. Dan jistabbilixxi li t-trasferiment tal-proprjetà ta' beni (dan huwa l-prototip ta' akkwist tas-setgħa ta' disponiment fis-sens tal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva dwar il-VAT) jitqies bħala provvista, anki jekk dan it-trasferiment iseħħ b'ordni ta' awtorità pubblika jew skont il-liġi u għandu jitħallas kumpens għaliha.

44. Kuntrarjament għal dak li jsostni l-Belġju, il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 14(2)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT ma humiex issodisfatti fil-kawża ineżami. L-Artikolu 14(2)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT jeżiġi, b'mod partikolari, li t-trasferiment tal-proprjetà ta' beni jseħħ b'ordni ta' awtorità pubblika jew skont il-liġi[15]. L-applikazzjoni klassika tal-Artikolu 14(2)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT hija għaldaqstant l-esproprjazzjoni permezz tal-ħlas ta' kumpens.

45. Madankollu, f'tali każ, it-trasferiment tal-proprjetà ta' beni (fil-kawża ineżami, l-elettriku) ma jseħħx b'ordni ta' awtorità pubblika jew skont il-liġi, iżda minħabba t-teħid illegali mill-konvenut u l-konsum immedjat. Fil-fatt, Fluvius huwa sempliċement obbligat jittollera dan it-teħid. Għall-kuntrarju, il-ħlas mill-konvenut huwa dovut skont il-liġi (fil-kawża ineżami, skont id-Deċiżjoni dwar l-Enerġija).

46. Madankollu, l-Artikolu 14(2)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT huwa bbażat fuq l-evalwazzjoni li ma hemmx lok li ssir distinzjoni skont jekk il-persuna taxxabbli tittrasferixxix volontarjament oġġett tal-konsum bi ħlas jew jekk dan it-trasferiment, madankollu, iseħħx involontarjament anki bi ħlas. Dan l-approċċ kien iktar espliċitu fil-proposta tas-Sitt Direttiva tal-Kummissjoni f'dak iż-żmien. Fl-Artikolu 5(2) tagħha ġie ddikjarat ukoll li provvista hija kkunsidrata bħala: "f) trasferiment, b'ordni ta' awtorità pubblika, tal-proprjetà ta' beni immobbli bi ħlas ta' kumpens, fejn it-trasferiment ta' dak il-beni immobbli bi ftehim privat ikun suġġett għat-taxxa" [traduzzjoni mhux uffiċjali][16]. Tali dispożizzjoni wriet b'mod iktar ċar li l-leġiżlatur huwa, essenzjalment, ikkonċernat mit-trattament ugwali fir-rigward ta' provvista lil konsumaturi identika. Ma hemmx lok li ssir distinzjoni bejn ir-raġuni li għaliha, u fuq liema bażi, oġġett tal-konsum huwa ttrasferit bi ħlas ta' korrispettiv.

47. Din l-evalwazzjoni għadha tidher fil-formulazzjoni tal-Artikolu 14(2)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT. Jidhirli li din tista' tiġi trasposta perfettament għall-kawża ineżami. Jekk il-proprjetarju tal-elettriku (Fluvius) ma huwiex f'pożizzjoni li jipprekludi t-trasferiment tal-proprjetà permezz tat-teħid illegali, iżda jirċievi remunerazzjoni bbażata fuq il-konsum skont il-liġi, allura dan jimmilita favur provvista (forzata) bi ħlas li hija suġġetta għall-VAT. Dan japplika b'mod partikolari fil-każ fejn it-tranżazzjoni tkun suġġetta għall-VAT jekk il-proprjetarju tal-elettriku jkun ipprovdih volontarjament (jiġifieri abbażi ta' kuntratt).

48. Fil-fatt, jekk trasferiment ta' proprjetà mwettaq volontarjament, minħabba li l-liġi timponih, jikkostitwixxi provvista, huwa biss ġustament li dan ikun trasferiment ta' proprjetà, imwettaq ukoll involontarjament, meta l-liġi ma tippreskrivihx, iżda tippreskrivi obbligu ta' remunerazzjoni. Fiż-żewġ każijiet, il-proprjetarju għandu neċessarjament ibati t-telf tal-proprjetà u jirċievi remunerazzjoni jew kumpens mingħand id-destinatarju tas-servizz (konsumatur).

[15] Sentenzi tal-25 ta' Frar 2021, Gmina Wrocław (Konverżjoni tad-dritt ta' użufrutt) (C-604/19, EU:C:2021:132, punt 56), u tat-13 ta' Ġunju 2018, Gmina Wrocław (C-665/16, EU:C:2018:431, punt 37).

[16] Proposta tal-Kummissjoni għas-Sitt Direttiva fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ, COM (73) 950, tal-20 ta' Ġunju 1973.

4. Konklużjoni intermedja

49. F'dan ir-rigward, inqis, bħall-Kummissjoni, li l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva dwar il-VAT huma diġà ssodisfatti. Bit-teħid tal-elettriku, Fluvius ipprovda (iktar preċiżament: ittollera) l-elettriku, u tali provvista għandha tiġi rremunerata skont il-liġi. Għaldaqstant, din tikkostitwixxi provvista magħmula bi ħlas.

50. L-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT, moqri flimkien mal-Artikolu 14(1) tagħha, għandu għaldaqstant jiġi interpretat fis-sens li t-teħid illegali ta' elettriku jikkostitwixxi kunsinna ta' oġġetti magħmula bi ħlas meta r-remunerazzjoni legalment dovuta tiġi aġġustata skont il-konsum bl-istess mod bħal fil-każ ta' teħid legali. Il-konsumatur tal-elettriku, li jaġixxi *in mala fide*, ma jistax jiġi ttrattat b'mod iktar favorevoli, mill-perspettiva tad-dritt tal-VAT, minn konsumatur tal-elettriku li jaġixxi *in bona fide*.

B. Provvista permezz ta' teħid illegali tal-elettriku bħala attività ekonomika ta' operatur tan-network tad-distribuzzjoni bħal Fluvius (it-tielet domanda)

51. It-tielet domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju tirrigwarda l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar il-VAT. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk operatur tan-network tad-distribuzzjoni li normalment ma jaġixxix bħala fornitur tal-elettriku għandux ukoll jitqies bħala persuna taxxabbli fir-rigward tal-kwantitajiet ta' elettriku meħuda illegalment.

52. Essenzjalment, din id-domanda tirrigwarda l-klassifikazzjoni ta' attivitajiet irremunerati li fil-fatt ma jaqgħux taħt l-attività prinċipali. Fir-rigward ta' persuni fiżiċi, din il-kwistjoni tqum iktar frekwenti, peress li tikkonċerna, essenzjalment, id-delimitazzjoni bejn attivitajiet kummerċjali (u għaldaqstant ukoll suġġetti għall-VAT) u privati (mhux suġġetti għall-VAT). Madankollu, ma jidhirx li l-provvista tal-elettriku bi ħlas minn operatur tan-network tad-distribuzzjoni, li fi kwalunkwe każ għandha tikkumpensa l-ispejjeż tiegħu stess, għandha tkun tista' tikkostitwixxi attività mhux kummerċjali (jew saħansitra privata).

53. Il-provvista tal-elettriku fil-kawża ineżami hija direttament marbuta, b'mod partikolari, mal-attività ta' operatur tan-network tad-distribuzzjoni. Jidher li, fil-Belġju, l-operatur tan-network tad-distribuzzjoni għandu jikkumpensa, bi spejjeż tiegħu, il-kwantitajiet tal-elettriku li jirriżultaw mit-teħid illegali tal-elettriku mingħand l-oħrajn. Konsegwentement, il-liġi (fil-kawża ineżami d-Deċiżjoni dwar l-Enerġija) diġà tassenja dan ir-riskju ta' provvisti "inkonxji" fi ħdan il-qafas ta' relazzjoni legali tal-attività ekonomika ta' Fluvius. Dan ifisser li kingħata lok għal riskju kummerċjali tipiku tal-attività tiegħu bħala operatur tan-network tad-distribuzzjoni.

54. Minn dan isegwi li l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar il-VAT għandu jiġi interpretat fis-sens li l-provvista tal-elettriku minn operatur tan-network tad-distribuzzjoni tikkostitwixxi wkoll attività ekonomika mwettqa minnu, jekk u minħabba rl-fatt li tagħti lok għal riskju tal-attività ekonomika tiegħu bħala operatur tan-network tad-distribuzzjoni.

C. Fuq il-kwalità ta' persuna taxxabbli ta' operatur pubbliku tan-network tad-distribuzzjoni fis-sens tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva dwar il-VAT (ir-raba' domanda)

55. Ir-raba' domanda tikkonsisti f'żewġ partijiet. L-ewwel parti tar-raba' domanda tistaqsi jekk "l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2006/112/KE għandu[x] jiġi interpretat fis-sens li Fluvius Antwerpen hija awtorità pubblika". Din hija kwistjoni ta' evalwazzjoni tal-fatti tal-kawża, li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-qorti tar-rinviju.

56. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma ngħatatx elementi fattwali suffiċjenti, sabiex tagħti risposta għal domanda modifikata dwar jekk operatur tan-network tad-distribuzzjoni fil-forma legali ta' Fluvius għandux jitqies bħala "organu ieħor irregolat mid-dritt pubbliku". Kieku Fluvius kellu jkun, kif huwa stess isostni, pereżempju persuna rregolata mid-dritt privat, ma jkunx hemm "organu ieħor irregolat mid-dritt pubbliku".

57. L-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "organu rregolat mid-dritt pubbliku" fis-sens ta' "organu rregolat mid-dritt privat" hija diffiċli li tiġi rrikonċiljata mal-*formulazzjoni* tad-Direttiva. Dan japplika iktar u iktar meta l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva dwar il-VAT huwa effettivament intiż li jiġi "interpretat b'mod strett"[17]. Xorta jibqa' l-fatt li, fil-kawża Saudaçor, il-Qorti tal-Ġustizzja tidher li qieset possibbli li kumpannija b'kapital azzjonarju rregolata mid-dritt privat setgħet, f'ċerti ċirkustanzi, titqies bħala "organu ieħor irregolat mid-dritt pubbliku"[18]. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja fformulat ir-rekwiżiti f'dan is-sens (parti mill-organizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika, prerogattivi ta' setgħa pubblika, setgħat ta' awtorità),[19] sabiex dawn qatt ma jistgħu jeżistu fir-rigward ta' kumpannija b'kapital azzjonarju rregolata mid-dritt privat.

58. Madankollu, skont l-informazzjoni pubblika disponibbli fuq l-internet, Fluvius fil-kapaċità tiegħu ta' operatur tan-network tad-distribuzzjoni jidher li huwa persuna ġuridika rregolata mid-dritt pubbliku, li, bħala assoċjazzjoni ta' diversi muniċipalitajiet, huwa inkarigat b'kompiti fl-interess pubbliku. Madankollu, fil-kawża ineżami, wieħed jista' faċilment jitkellem dwar "organu ieħor irregolat mid-dritt pubbliku" u l-ewwel parti tar-raba' domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju ma tkunx rilevanti.

59. Fit-tieni parti tar-raba' domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar l-interpretazzjoni tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva dwar il-VAT. Din tipprovdi li l-organi rregolati mid-dritt pubbliku, anki meta jeżerċitaw attivitajiet bħala awtoritajiet pubbliċi, jitqiesu bħala persuni taxxabbli għal ċerti attivitajiet imsemmija fl-Anness I (fosthom il-provvista tal-elettriku, ara f'dan ir-rigward taħt il-punt 2). Dan japplika wkoll jekk it-trattament ta' dawn l-attivitajiet bħala tranżazzjonijiet mhux taxxabbli ma jwassalx għal distorsjonijiet kbar tal-kompetizzjoni (subparagrafu 2). Din it-tassazzjoni fil-prinċipju hija prevista fis-subaragrafu 3, iżda mbagħad saret eċċezzjoni "sakemm dawk l-attivitajiet ma jkunux twettqu fuq skala tant żgħira li jkunu insinifikanti." Il-qorti tar-rinviju titlob l-interpretazzjoni ta' din l-aħħar eċċezzjoni.

60. Evidentement jidher li hija telqet mill-premessa żbaljata li fir-rigward tal-attivitajiet insinjifikattivi fis-sens tal-Anness I, in-natura taxxabbli tat-tranżazzjonijiet *per se* għandha tiġi miċħuda. Madankollu, it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva dwar il-VAT

[17] Sentenzi tal-25 ta' Frar 2021, Gmina Wrocław (Konverżjoni tad-dritt ta' użufrutt) (C-604/19, EU:C:2021:132, punt 77), tat-22 ta' Frar 2018, Nagyszénás Településszolgáltatási Nonprofit Kft. (C-182/17, EU:C:2018:91, punt 54), tad-29 ta' Ottubru 2015, Saudaçor (C-174/14, EU:C:2015:733, punt 49), u tas-16 ta' Settembru 2008, Isle of Wight Council *et* (C-288/07, EU:C:2008:505, punt 60).

[18] Sentenza tad-29 ta' Ottubru 2015, Saudaçor (C-174/14, EU:C:2015:733, punti 61 u 68).

[19] Sentenza tad-29 ta' Ottubru 2015, Saudaçor (C-174/14, EU:C:2015:733, punti 56 *et seq.*).

jikkostitwixxi regola li tapplika biss fil-każ fejn il-kundizzjonijiet tal-imsemmi Artikolu 13(1) ikunu ssodisfatti. Hija intiża biss sabiex tiżgura li l-kumpanniji rregolati mid-dritt pubbliku li jeżerċitaw dawn l-attivitajiet tipiċi ta' provvista lil konsumaturi, elenkati fl-Anness I, jitqiesu bħala persuni taxxabbli *per se* anki jekk jaġixxu f'dan ir-rigward bħala awtoritajiet pubbliċi. Għaldaqstant, jekk ir-rekwiżiti tal-Artikolu 13(1) (attività bħala awtorità pubblika) jew tat-tieni subparagrafu tiegħu (ebda distorsjoni sinifikanti tal-kompetizzjoni) tad-Direttiva dwar il-VAT ma humiex preżenti, it-tielet subparagrafu u l-eċċezzjoni standardizzata prevista fih fir-rigward ta' attivitajiet insinjifikattivi ma humiex rilevanti.

61. Madankollu, il-qorti tar-rinviju ma spjegatx għalfejn il-provvista tal-elettriku minn Fluvius fil-kapaċità tiegħu ta' operatur tan-network tad-distribuzzjoni, li hija koperta mill-punt 2 tal-Anness I, għandha tikkostitwixxi attività li għaliha huwa responsabbli Fluvius bħala awtorità pubblika (Artikolu 13(1) tad-Direttiva dwar il-VAT). Il-fatt li Fluvius talab il-korrispettiv tal-provvista tal-elettriku billi ressaq kawża quddiem qorti ċivili pjuttost jindika l-kuntrarju. Bl-istess mod, huwa impossibbli għall-Qorti tal-Ġustizzja li tevalwa jekk in-nuqqas ta' tassazzjoni ta' dawn il-provvisti jwassalx għal distorsjonijiet sinjifikattivi tal-kompetizzjoni (it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar il-VAT). Dan ikun jiddependi probabbilment mill-volum tal-provvisti tal-elettriku, li lanqas ġie kkomunikat mill-qorti tar-rinviju. Iċ-ċifri pprovduti minn Fluvius pjuttost jimmilitaw favur distorsjoni tal-kompetizzjoni.

62. Jekk il-qorti tar-rinviju xorta waħda tikkonkludi li l-provvista tal-elettriku fil-kuntest tat-teħid illegali hija attività li għaliha huwa responsabbli Fluvius bħala awtorità pubblika u li n-nuqqas ta' tassazzjoni tagħha lanqas ma jiġġenera distorsjonijiet sinjifikattivi tal-kompetizzjoni, it-tielet subparagrafu jkun għalhekk applikabbli. Minħabba l-provvisti tal-elettriku msemmija fl-Anness I, Fluvius għandu għaldaqstant jitqies bħala persuna taxxabbli, sa fejn il-volum ta' dawn l-attivitajiet ikun insinjifikattiv. Fl-opinjoni tiegħi, anki f'sitwazzjoni bħal din, din l-eċċezzjoni prevista fit-tielet subparagrafu, madankollu, ma tapplikax fil-kawża ineżami.

63. Kif diġà indikajt f'okkażjonijiet oħra[20], l-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar il-VAT jitlaq mill-premessa li l-attivitajiet imwettqa bħala awtorità pubblika mill-Istat bħala kreditur fiskali ma għandhomx jerġgħu jiġu intaxxati minnu sabiex tinżamm in-newtralità kompetittiva[21]. Bħala regola ġenerali, tali "eżerċizzji tal-funzjonijiet" ma jikkostitwixxux attivitajiet ekonomiċi fis-sens tal-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar il-VAT meta kkunsidrati tipoloġikament.

64. Jekk dawn madankollu jitqiesu li huma hekk, l-Artikolu 13 tad-Direttiva jipprekludi, f'ċerti ċirkustanzi u fis-sens ta' *regoli ta' simplifikazzjoni*, li jitnisslu obbligi fiskali (obbligi ta' trasferiment, ta' kontabbiltà u ta' dikjarazzjoni) għall-Istat. Konsegwentement, "attivitajiet insinjifikattivi" fis-sens tat-tielet subparagrafu jeżistu biss jekk l-approċċ tas-semplifikazzjoni għadu rilevanti. Dan jippreżupponi li, sempliċement minħabba l-attivitajiet insinjifikattivi fir-rigward tal-volum fis-sens tal-Anness I, issa jinħolqu obbligi speċjali ta' trasferiment, reġistrazzjoni u dikjarazzjoni għall-organu rregolat mid-dritt pubbliku.

65. Dan ma huwiex il-każ fil-kawża ineżami peress li Fluvius huwa persuna taxxabbli minħabba s-sempliċi fatt tal-attività tiegħu ta' operatur tan-network tad-distribuzzjoni. In-natura taxxabbli tal-provvista tal-elettriku permezz ta' teħid illegali ma twassalx għal obbligi addizzjonali intiżi li

[20] Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Gmina O. (C-612/21, EU:C:2022:874, punt 62).

[21] Ara, dwar il-kwistjoni ta' "tassazzjoni fuq l-Istat stess", il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Gemeente Borsele u Staatssecretaris van Financiën (C-520/14, EU:C:2015:855, punti 23 *et seq.*).

jiġu evitati permezz ta' regoli ta' semplifikazzjoni. Dan l-approċċ restrittiv huwa konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tipprovdi li l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva dwar il-VAT għandu jiġi interpretat b'mod strett [22].

V. Konklużjoni

66. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi preliminari magħmula mill-Vredegerecht te Antwerpen (il-Qorti Konċiljatorja ta' Antwerpen, il-Belġju):

1. L-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT, moqri flimkien mal-Artikolu 14(1) tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li t-teħid illegali ta' enerġija jikkostitwixxi kunsinna ta' oġġetti magħmula bi ħlas meta r-remunerazzjoni legalment dovuta tiġi bbażata fuq il-konsum.

2. L-Artikolu 9(1) tad-Direttiva dwar il-VAT għandu jiġi interpretat fis-sens li operatur tan-network tad-distribuzzjoni jista' wkoll jeżerċita attività ekonomika, jekk addizzjonalment jipprovdi l-elettriku. Dan japplika jekk din il-provvista tkun tikkostitwixxi riskju tal-attività ekonomika tiegħu bħala operatur ta' network ta' distribuzzjoni, b'mod partikolari minħabba t-teħid illegali tal-elettriku.

3. Ikun hemm lok għal attivitajiet insinjifikattivi fis-sens tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva dwar il-VAT biss jekk l-organu rregolat mid-dritt pubbliku ma jitqiesx bħala persuna taxxabbli minħabba attivitajiet oħra.

[22] Sentenzi tal-25 ta' Frar 2021, Gmina Wrocław (Konverżjoni tad-dritt ta' użufrutt) (C-604/19, EU:C:2021:132, punt 77), tat-22 ta' Frar 2018, Nagyszénás Településszolgáltatási Nonprofit Kft. (C-182/17, EU:C:2018:91, punt 54), tad-29 ta' Ottubru 2015, Saudaçor (C-174/14, EU:C:2015:733, punt 49), u tas-16 ta' Settembru 2008, Isle of Wight Council *et* (C-288/07, EU:C:2008:505, punt 60).